MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tal-5 ta' Frar, 2014

Numru. 47/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jurgen Vella)**

**Vs**

**Ronald Cassar ta' 47 sena, bin Carmelo u Josephine xebba Mercieca, imwieled il-Pieta nhar id-29 ta' Settembru 1966, residenti gewwa 49, Aloha, Triq Fr. Charles Platter, Paola u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 419366M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli nhar id-29 t'Awissu 2013 ghal habta ta' 10.45am, gewwa l-ghassa ta' Rahal Gdid iddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx inkella bil-qerq holoq it-tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fedina penali nadifa tieghu.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula b’applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tilleberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberta taht kondizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------